CCT/121/14/S

Carmel Mizzi
Vs
Anthony Baldacchino ezercenti l-kummerc bhala ABS Auto Dealer

Illum 25 ta'Gunju,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carmel Mizzi pprezentata fl-4 ta'Gunju,2014 u r-risposta ta' Anthony Baldacchino ezercenti l-kummerc bhala ABS Auto Dealer ipprezentata fit-13 ta'Gunju,2014;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fl-14 ta'Mejju,2015;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda vettura mixtrija 'second-hand' li skont l-attur, ma riditx tistartja wara jumejn wiefqa;

Illi jinghad mal-ewwel li gie pprezentat kopja ta' skrittura ta' bejgh iffirmata miz-zewg partijiet fejn hemm stipulat li l-vettura giet ippruvata u li l-istess vettura qed tinbiegh "*tale quale*" u bl-eskluzjoni ta' "*xi difett mohbi*";[1]

Illi r-rikorrent stqarr quddiem dan it-Tribunal li kien ha l-vettura ghand 'mechanic' tal-fiducja tieghu[2] u x-xhud Brian Baldacchino xehed li l-attur kien ha l-vettura ghand zewg persuni differenmti biex jezaminawha[3];

Illi partikolarment fil-kaz ta' xiri ta' vetturi 'second-hand' kif inhu dan il-kaz, hija responsabilita ta' min jixtri li jiehu persuni kompetenti biex jezaminaw kull aspett tal-vettura;

Illi dan hu iktar u iktar necessarju meta l-vettura in kwistjoni tkun ilha barra;

Illi mill-atti jidher li l-hsara kienet xi haga relatata mal-elettronika;

Illi hemm nuqqas ta'qbil fuq il-ftehim verbali dwar min kellu jhallas it-tieni 'electrician' pero bil-provi imressqa, il-verzjoni tal-attur ma gietx sodisfacentement ippruvata;

Illi fi kwalunkwe kaz, dan kellu jigi ccarat mill-bidu net u cioe minn meta l-vettura thalliet ghand it-terz;

Illi konsegwentement mill-provi li tressqu, it-Tribunal mhuwiex konvint li t-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha;

[1] Skrittura datata 25 ta'Frar,2014 annessa mat-talba.
[2] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-3 ta'Lulju,2014.
[3] Xhieda moghtija waqt is-seduta mizmuma fil-11 ta'Dicembru,2014.

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Carmel Mizzi u Jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Anthony Baldacchino ezercenti l-kummerc bhala ABS Auto Dealers b'dan li kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru